# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Każ Nru 3376/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Vincent Camilleri

u

SS Lifts Limited

## DIGRIET

Wara d-Deċizjoni Preliminari mogħtija minn dan it-Tribunal fit-30 ta' Settembru 2015

It-Tribunal Industrijali:

Ra r-Rikors ta' SS Lifts Limited tal-5 ta' Ottubru, 2015 fejn intalab il-permess biex dan ikun jista' jappella issa minn din id-Deċiżjoni Preliminari u per konsegwenza il-proċeduri attwali jieqfu sakemm ikun hemm deċiżjoni finali ta' l-Appell:

Ra r-Risposta tar-Rikorrent Vincent Camilleri tat-8 ta' Ottubru 2015 fejn dan qed jopponi l-għoti ta' dan il-permess għal diversi raġunijiet fosthom telf ta' żmien u preġudizzji oħra li jista jsofri jekk il-permess jingħata;

Ra l-provvedimenti tal-Kap 452 li jinkludi speditezza fis-smiegħ ta' każi quddiem it-Tribunal Industrijali;

Ra li l-interruzzjoni tas-smiegħ tal-każ jista jkun ta' preġudizzju għal parti waħda, waqt li jekk jitkompla s-smiegħ ma tkun preġudikata l-ebda waħda mill-partijiet;

Jiddeċidi li jiċħad it-talba tal-Intimat u jordna li s-smiegħ tal-każ jipproċedi regolarment.

Illum : 15 ta' Ottubru 2015.

Franco Masini

Chairman